MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 180/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Francis Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Marzu, 2009 ghall-habta ta' 15.45 ta' wara nofsinhar, ħebb għal martu Philippa Vella w ikkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Raymond Grixti MD tal-Mosta Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' April, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 383(1) u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu xahar priġunerija sospiża għal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fis-26 ta' April, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata minħabba illi hija nulla w invalida, ineffettiva w mhux enforzabbli, a bazi tar-raġunijiet legali mogħtija b'referenza partikolari għas-sub artikolu 4 tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, apparti minn ragunijiet legali u fattwali ohra li ngħataw u li huma fiċ-ċirkostanzi relevanti bħal prinċipju fil-liġi kriminali li *in dubio pro reo.*

Illi alternattivament jekk din il-Qorti jidhrilha li ma taqbilx ma l-ewwel talba hawn fuq sottomessa, talab, previa r-riforma tas-sentenza appellata sabiex tillibera lill-appellant minn kull htija fid-dawl tas-sottomissjonijiet fattwali u legali li saru f'dan ir-rikors ta' l-appell odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe':-

Illi kien hemm żewġ verżjonijiet dwar dak illi sehh fl-20 ta' Marzu, 2009 fid-dar konjugali u għalhekk taħt l-ebda ċirkostanzi ma seta' huwa jinstab ħati taħt l-artikolu 221 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti l-Qorti ma applikatx l-aartikolu 383 tal-Kap 9. Barra dan, ebda wieħed mix-xhieda ma ddepona fil-kawża.

L-appellant talab it-tħassir tas-sentenza għaliex hija nulla minħabba li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma spjegatx il-konsegwenzi tal-artikolu 28A. Fl-alternattiva tirriforma s-sentenza billi tillibera lill-imputat.

Ikkonsidrat

Il-Qorti għandha quddiemha żewġ sottomissjonijiet dwar nullitajiet: waħda tal-appellant u l-oħra tal-Avukat Ġenerali.

F’din is-sentenza l-Qorti ser timxi kif ġej:
(a) Teżamina r-rokors tal-appellant dwar it-talba dwar in-nullita’
(b) Teżamina s-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar in-Nullita’
(ċ) Teżamina l-mertu.

**L- aggravju tal-appellant – in-nullita’ tas-sentenza.**

L-ewwelnett l-appellant jissottometti li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla għaliex il-Qorti ma spjegatx il-portata tal-artikolu 28A lill-imputat. Jekk wieħed iħares lejn fol 1 fejn tidher is-sentenza miktuba mill-Maġistrat, wieħed jara li hemm l-artikolu 28A tal-Kap 9 u m’hemmx imsemmi li saret xi spjegazzjoni.

Iżda dan minnu nnifsu ma jfissirx li l-Qorti m’għamlet ebda spjegazzjoni għaliex din setgħet saret oralment u ma tniżżlitx bil-miktub meta s-sentenza kienet qed tinkiteb fl-awla. Filfatt l-artikolu 28(4) tal-Kap 9 mkien ma tgħid li din l-ispjegazzjoni għandha titniżżel bil-miktub fl-atti tal-proċess. .

Barra minn dan l-istess artikolu mkien ma jgħid li jekk ma ssirx din l-ispjegazzjoni jew jekk din ma tinkitibx, allura hemm xi nullita’. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ ‘Il-Pulizija versus Russell Bugeja’ (29 ta’ Frar 2008):

‘Leċċezzjoni tan-nullita’ ta’ att fil-kamp tal-proċedura penali hija, bħala regola ġenerali, ammissibbli biss fejn il-Leġislatur jikkominaha. Mill-bqija għandha tipprevalu l-massima ‘interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat.’

Iżda dak li forsi ħarab lill-appellant kien li fis-sentenza dattilografata – a fol 19 – hemm miktub:

‘Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.’

Jiġifieri li t-tali spjegazzjoni fil-fatt saret. Barra dak li diġa' ntqal hawn fuq, imkien m'hemm fil-Liġi li r-record li saret it-tali spjegazzjoni jrid ikun bilfors miktub bl-idejn.

Għalhekk il-Qorti qed tirresipinġi dan l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza.

**Iż-żewġ sottomissjonijiet imqajma mill-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell.**

Il-Qorti qed teżamina żewġ sottomissjonijiet imqajma mill-Avukat Ġenerali.

Dawn huma prinċipalment tnejn li n-nuqqas tagħhom, skond l-Avukat Ġenerali, u minħabba wkoll dak li jiddisponi l-artikolu 419 li jipprovdi dwar ir-redazzjoni tar-rikors tal-appell, jistgħu jġibu n-nullita' tal-appell. 'Taħt piena ta' nullita' jirrikjedi:

(a) il-fatti fil-qosor;
(b) ir-raġunijiet tal-appell;
(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri.

L-Avukat Ġenerali jissottometti li ma (a) imkien ma jidhru l-fatti fil-qosor; u (b) it-talba għat-taħsir jew tibdil hija żbaljata.

**Il-fatti fil-qosor**

Dwar kif għandhom ikun u redatti l-fatti, kien hemm diversi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali li taw indikazzjoni kif dawn għandhom isiru. Biżżejjed wieħed jireferi għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ 'Il-Pulizija versus Robert Caligari Conti' tal-10 ta' Diċembru 1996:

*'Bil-fatti fil-qosor wieħed jifhem il-fatti saljenti tal-każ, esposti b'mod ċar iżda konċiż, b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistgħu mill-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma junx sodisfatt il-vot tal-Liġi jekk ikunu magħġuna mal-aggravji. Bħalma l-*

*indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b'sempliċi referenza għall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji liema aggravji jistgħu ikun kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq il-punti ta' dritt sostantiv jew proċedurali.'*

M'hemmx għalfejn wieħed jelabora wisq fuq il-ħtieġa li jkun hemm dawn il-fatti fir-rikors. Il-fatti fil-qosor jgħinu sabiex il-ġudikant ikun jista' mill-ewwel jinduna x'inhuwa qofol tal-każ li jkollu quddiemu.

Matul is-sottomissijonijiet in risposta, l-appellant qal li l-fatti kienu qegħdin fir-rikors.

Bir-rispett kollu, il-Qorti fittxet paragrafu, paragrafu ħa tara fejn huma l-fatti. L-ewwel wieħed sempliċiemnt jgħid li dak iż-żmien l-imputat kien qiegħed fi proċeduri ta' separazzjoni. It-tieni jgħid x'kienet l-akkuża. It-tielet jgħid li la jhemm żewġ verżjonijiet, allura l-appellant ma kellux jinstab ħati. Ir-raba' jgħid li l-Ewwel Qorti applikat ħażin l-Artikolu 28A għax ma tatx spjega lill-imputat . Il-ħames paragrafu huwa dwar l-applikazzjoni u meno tal-artikolu 383 u s-sitt wieħed jgħid li mkien bħala stat ta' fatt ma jirriżulta li l-appellanti ħebb għall-mara tiegħu.

Wara dawn is-sitt paragrafi jibdew l-aggravji li jerġgħu jirrepetu dak li ntqal fis-sitt paragrafi ta' qabel.

Lanqas is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Norman Lowell versus Direttur Ġenerali tal-Qorti et' fit-28 ta' Frar 2011 ma tista' tgħin lill-appellant. F'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali sabet il-fatti mxerrdin jew fis-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġisttati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew fir-rikors promotorju. Hawnhekk, il-Qorti kellha biss sentenza qasira ħafna, ix-xhieda ma kinux reġistrati u r-rikors, kif diġa' ntqal, il-Qorti ma setgħetx tkun taf x'inhuma l-fatti.

**Għalhekk la fir-rikors promotorju mkien ma hemmx il-fatti fil-qosor u għalhekk l-appell huwa null.**

**It-Talbiet**

L-Avukat Ġenerali ssottometta li t-talba fit-tmiem tar-rikors ma saritx kif titlob lil-Liġi. Għal darb'oħra hemm ħafna ġurisprudenza fuq dan il-punt fosthom 'Il-Pulizija versus Ivan Fenech' deċiża fit-3 ta' Lulju 2008 fejn il-Qorti sostniet hekk:

'Illi din il-Qorti kellha diversi okkażjonijiet fejn enfassizzat li t-talba ottenuta fir-rikors tal-appell, fejn si tratta ta' tibdil jew riforma tas-sentenza appellate, trid tindika x'għandu jiġi konfermat u x'għandu jiġi revokat.'

Fir-rikors odjern l-appellant l-ewwel talba it-tħassir tas-sentenza indikata minħabba nuqqas ta' osservazzjoni ta' dak li hemm provdut fis-sub-artikolu 4 tal-artikolu 28A tal-Kap 9, 'apparti minn raġunijiet legali u fattwali oħra li ngħataw u li huma fiċ-ċirkostanzi relevanti bħal prinċipju fil-Liġi Kriminali li 'in dubio pro reo'.

Imbagħad huwa talab 'alternattivament –riforma tas-sentenza sabiex tillibera lill-imputat minn kull ħtija fid-dawl tas-sottomissjonijiet fattwali u legali li sau f'dan ir-rikors.

Fl-ewwel parti tat-talbiet l-appellant kien korrett iżda fit-tieni parti, jew fl-alternattiva, ried jitlob it-tħassir (jew ir-revoka) wkoll u mhux ir-riforma għax hawn mhux qed jgħid x'irid jinbidel u x'għandu jidħol minfloku.

Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas id-deċiżjoni fil-kawża kostituzzjonali 'Richard sive Rachela Spiteri u Nadal Bonello v Avukat Ġenerali' tad-9 ta' Marzu 2010 ( li kienet limitata għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ' ma ssalva s-sitwazzjoni għall-appellant. **Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' wkoll din it-tieni sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell.**

**X'kien hemm fil-mertu.**

**Il-Qorti setgħet waqfet hawn iżda minkejja li laqgħet is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u ddikjarat in-nullita' tal-appell, il-Qorti xorta fliet l-atti kollha.**

Mix-xhieda ta' Filippa Vella (22 ta' Novembru 2010) jirriżulta li fl-20 ta' Marzu 2009 hija kienet qed tkellem lil Francis Vella sabiex ibiegħu l-post. Kienet qed titwi l-ħwejjeġ u qabad il-banju tal-plastik u waddabhulha. Kienet sordiet u rat id-demm nieżel. Imbagħad kienet marret l-għassa, il-Poliklinika tal-Mosta u l-Mater Dei. Tmint ijiem wara kellha terġa' tmur biex jara kif kien imneħirha.

Fil-kontro-eżami qalet li hi u l-imputat kien ikollhom battibekki bejniethom. Hi kienet għadha kif qalet lil żewġha biex ibiegħu d-dar ħalli nisseparaw. Hi kienet stordiet bid-daqqa li kien taha.

A fol 10 u 11 jidher ċertifikat li fih it-Tabib Dr.Kenneth Muscat kien eżamina l-Filippa Vella li ċċertifika li l-qarquċa ta' nofs imneħirha kienet mgħawġa.

A fol 12 jidher ċertifikat ieħor tat-tabib Dr Raymond Grixti li jiddeskrivi l-ġrieħi bħala ħfief salv kumplikazzjonijiet.

Xehed ukoll Francis Vella li qal lil martu kienet iġġib in-nies id-dar biex jaraw id-dar u hu ma jkun jaf b'xejn. Huwa żied jgħid li dak in-nhar tal-inċident la kien qabad il-friskatur u lanqas ma kien ħebb għal martu. Kienet martu li kienet ser taggredih bih. (fol 61). Hu mar jeħodhulha minn idejha u ġibditu għal fuq wiċċha. Huwa qal li dak il-ħin kienu viċin ta' xulxin u li ma kienx raha storduta. Meta bagħtu għalih l-għassa huwa kien qalilhom dak li xehed issa.

Fil-kontro-eżami qal dak in-nhar kien irrabjat (fol 65). Huwa qal ukoll li martu kienet ser taggredih bil-banju u mar biex jieħdu minn idejha sabiex jiddefendi ruħu. (fol 67). Kien b'mod aċċidentali li hi laqtet imneħirha hi stess.(Ara wkoll fol 69). Hu kien żamm parti biss mill-banju. (fol 69). Huwa ma kienx intlaqat bil-banju u fil-fatt hu lanqas girfa ma kellu.

**Aktar sottomissjonijiet tal-appellant**

L-appellant jissottometti wkoll li t-Tobba li ħarġu ċ-ċertifikati ma ddeponewx quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Iżda dawn setgħu ttellgħu mid-difiża kemm għall-eżami kif ukoll għall-kontro-eżami jekk id-difiża ħasset il-ħtieġa li għandha tikkontrolla dak li jdiher fiċ-ċertifikati. Jekk dan ma sarx, ix-xhieda mogħtija minn dawn it-tobba xorta tibqa' valida u ma tistax tiġi skartata.

Sottomissjoni oħra taL-appellant kienet li kien jistenna li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika l-prinċipju ta' 'in dubio pro reo' ġaladarba kien hemm żewġ verżjonijiet a' x'ġara differenti u, barra dan, tant ma kellux ħtija l-appellant, li ma applikatx l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Bir-rispett kollu l-fatt li jkun hemm żewġ verżjonijiet differenti jew kontrastanti ma jfissirx li Qorti għandha taqbad u tillibera. Anzi jinkombi aktar fuqha li tagħmel eżerċizzju bir-reqqa biex tara liema hi l-verżjoni t-tajba. Dan li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u dan li sar ukoll din il-Qorti. Li kieku kellu wieħed jillibera kull darba li hemm verżjonijiet differenti allura kull ma jrid isir huwa li d-difiża ttella' xhud li jagħti verżjoni oħra u hekk jieħu liberatorja.

Din il-Qorti rat u semgħet iż-żewġ partijiet jixhdu quddiemha u hija konvinta li x-xhieda ta' Filippa hija ħafna aktar attendibbli. L-imputat tilef rasu minħabba l-argument dwar id-dar u l-ewwel ħaġa li sab taħt idejh qabad u garaha. Inutli joqgħod jgħid li kien qed jiddefendi ruħu u ġibed il-banju lejh. Din l-istorja m'hi attendibbli xejn. Lanqas m'hu verosimili li l-mara kellha saħħa daqshekk kbira li tiġbdu lura minn idejn r-raġel u tolqot imneħirha. Aktar u aktar, kif b'ġibda b'saħħa bħal dik, ma waqgħetx għal daharha.

Il-Qorti ssib li kien l-imputat li xejjer id-daqqa bil-banju.

Fl-aħħarnett, il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx l-artikolu 383 tal-Kap 9 ma jfisser bl-ebda mod li l-appellant ma kellux ħtija. L-artikolu 383 m'huwa xejn ħlief forma ta' garanzija sabiex min hu misjub ħati joqgħod

attent sa massimu ta’ sena. Jekk ma joqgħodx attent kif iġib ruħu mal-parti l-oħra jispiċċa jħallas 234 Ewro. Is-sospensjoni ta’ sentenza ta’ priġunerija għal sena diġa’ għandu jservi ta’ garanzija.

**KONKLUŻJONI**

Għalhekk il-Qorti, waqt li xorta waħda eżaminat il-mertu u ma sabet xejn xi tirriforma jew tirrevoka fl-ewwel sentenza għal dak li hu mertu, qed tilqa’ s-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali, tiddikjara li l-appell fl-ismijiet premessi huwa null u konsegwentement qed tiċħdu, u għalhekk qed tkun ikkonfermata is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi u li minnha sar appell li jġib in-numru 180/2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------